MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard (Urġenti)

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 44

18 ta' April 2022

Il-Kunsilli Lokali H'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-4.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
John P.Bonnici – Kunsillier
Victor Galea – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Giorgio Schembri – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Concetta Scerri - Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marica Mifsud – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-4.19pm. Kulħadd kien preżenti bl-eċċezjoni tas-Sinjura Maria Concetta Scerri. Intqalet talba u bdiet il-laqgħa.

## 44.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

44.1.1 Is-Sur Cordina qal li kellu l-ittra ta’ apoloġija tas-Sinjura Maria Concetta Scerri.

## 44.2 Diskussjoni *Sports Village - PA/00676/22*

44.2.1 Is-Sur Cordina qal li min irid jista’ jistaqsi li jrid il-Perit u wara jieħdu deċiżjoni. Is-Sur Bonnici qal li l-aħjar jitkellem il-Perit imbagħad jistaqsu. Il-Perit Falzon din id-darba kien preżenti di persona u beda jispjega il-pjanti hekk kif sottomessi iktar fid-dettal mill-aħħar darba biex forsi jifhmu aħjar l-iskala tal-proġett. Hu qal li l-pjanta li qed tidher fuq l-iscreen hija l-Master Plan li ssottometta hu. Mill-pjanta jidher li se jkun hemm Sports Complex bi tliet blokkok mimlijin bi ħwienet Class 4B + coffee shop/restorant (Blokk A, B u C), zewġ blokkok garden centee u fix-xellug hemm Sports Complex li jinkludi indoor volleyball, indoor tennis, indoor gym u faċilitajiet sanitarji, *showers* u *changing rooms* u *medical centre*.

Taħt l-area kollha msemmija fuq inkluż il-Hotel hemm pjanat li jsir parkeġġ f’livell -1. L-ikbar bini indipendenti huwa il-Hotel. Huwa qiegħed iddisinjat bħalha Sports Hotel u id-diskussjonijiet tal-aħħar darba jibqgħu validi, jiġifieri għalxiex se jintuża wara li joħroġ il-permess. Hu qal li jekk il-Kunsill irid jissottometti klawżola li l-użu speċifku jibqa’ sports jistgħu jiddiskutuha bejniethom.

Kompla jgħid li hemm 5 *tennis courts, tennis centre* u kull sport qisu għandu l-clubhouse tiegħu.

Is-Sur Victor Galea daħal f’dan il-mument 4.25pm.

Hemm *rugby court*. L-inqas problematiċi huma *t-tennis courts*. Jidher li r-rugby u l-futbol se jixxerjaw il-*clubhouse*. Iktar l-isfel hemm żewġ futbol *pitches* wieħed full size u l-ieħor ftit inqas bl-istands li juri biċ-ċar li l-intenzjoni hi li wieħed jiġbed ħafna nies u dan ovvjament jiġġenera ħafna flus. L-istandard hu wieħed internazzjonali biex jiġbed it-turisti u ħafna folol. Il-Kunsill imbagħad irid jara jekk dan hux dak li jixtieq għall-lokalità. Dawn it-tip ta’ żviluppi huma ntenzjonati li jiġġeneraw il-flus. Qisu huma krejaw *ringroad* li tgħaqqad kull *clubhouse* flimkien. L-opinjoni tal-Perit Falzon hi li huwa ftit *overdeveloped* fis-sens li l-kunċett mhux ħażin imma kieku kien hu li qed jiddisinjah fejn hemm is-siġar idaħħal iktar *vegetation* ħabba s-sound u light vision. Qal ukoll li fejn hemm *landscaping* kieku jitlob li jkun *instantly* landscaped, li jkun hemm kundizzjoni fuq *maintenance plan* li s-siġar ikunu minimament 3m tul bħal ma jsiru fit-toroq. L-ikbar problema għalkemm il-Hotel kulħadd jaf li mhux sa jintużaw għall-isports biss huma l-ħwienet għaliex id-daqs tagħhom huwa PAMA x2. Is-Sur Bonnici saqsa kemm ħa jkun hemm parkeġġ? Il-Perit qal li hemm iktar minn 700 parkeġġ għall-karozzi imma s-Sur Galea qal li xorta mhux biżżejjed.

Qal li jaqbel perfettament mas-Sur Galea fuq il-fatt li għandu jkun hemm iktar parkeġġ imma jista' jkun li nies oħra jkollhom opinjonijiet differenti bbażati fuq prinċipji li titnaqqas l-ODZ area, bħal Graffiti, li titbiddel id-direzzjoni tal-ilma u li jistgħu jinstabu fdalijiet. Qal li f'dawn it-tip ta' proġetti m'hemmx tajjeb jew ħazin imma wieħed irid jara l-inqas impatt fuq l-ambjent għax xi ħaġa ħa tiġi ssagrifikata dejjem. Imma l-iżviluppatur ħa jara l-profitt. Hu kompla jgħid li xorta jarah *overdeveloped* jista' jiġi *downgraded* u xorta jkun profitable. Ikun hemm xi *soft landscaping* imma sew jekk favur u sew jekk kontra, għandu jiġi mpost fuq l-iżviluppatur *a massive landscaping project* li jrid jiġi mantnut. Il-garanzija bankarja trid tkun imdaqsa u jemmen li mar fuq l-għola biex ikun jista' jnaqqas minnu wara.

Il-Perit ikkonkluda billi qal li għandhom jiddeċiedu iva jew le u skont x'għidu jibni r-rapport.

Xi Kunsilliera xtaqu jsaqsu xi mistoqsijiet:

Is-Sur Victor Galea qal li hu joġġezzjona għax se jkun hemm ħafna *light pollution, sound pollution* li s-*sound* irid jieqaf mal-11 ta' filgħaxija u li jrid ikun hemm iktar parking. Qal ukoll li tħaffir għandu jsir biċ-*chainsaw* u li l-materjal għandu jiġi preservat. Il-Perit qal li jrid ikun hemm speċi ta' *recycling plant, circular economy* jew *onsite* jew x'imkien ieħor. Jinqatgħu blokki blokki biex jintużaw x'imkien ieħor. Is-Sur Galea qal ukoll li problema oħra hi li ma jimmaġinax in-nies tal-viċin xhur b'dak it-tħammil u tisbit allura l-makkinarju jrid ikun wieħed silenzjuż. Il-Perit qal li allura kundizzjoni oħra trid tkun li jrid ikun hemm *decibal bar*.

L-ewwel ħaġa qal il-Perit li għandha tintalab hi *Environmental Impact Assessment.* L-użu tiegħu għandu jkun propju dan li ġo fih jinkorpora dak li qal is-Sur Galea *light, sound and visual pollution* x'se jagħmel bil-ħamrija, fejn se tittieħed u kif se jaħdem fażijiet. Dan biex jaħdem bl-inqas impatt fuq it-traffiku waqt ix-xogħol. It-traffic counts wara li jitlesta l-proġett. Dan se jitolbu l-Perit mill-ewwel bħalha waħda mill-kundizzjonijet.

Is-Sur Silvio Brincat qal li huma qed jitkellmu fuq PA 676/22 u saqsa jekk il-Kunsill jafx x'inhi id-*designation* tal-art? Il-Perit qal li l-art hi ODZ *that could be designated to sports development excluding motor sports.* Il-Perit iċċekkja dak il-ħin *online u* qal li diġà hemm mhux oġġezzjoni imma riżervi mill-Superintendence for Cultural Heritage fuq l-iskala tal-proġett. Hemm 200 rappreżentazzjoni fosthom ERA qalu li jridu iktar żmien biex jassessjaw il-proġett, il-Cultural Heritage qed jiffukaw fuq il-fatt li hemm *Grade 1 Buildings* fosthom Torri Cumbo, xi katakombi u l-kanal tal-ilma ta' żmien il-Kavallieri, u għalkemm għadhom ma tawx id-deċiżjoni tagħhom qed jitolbu *photo montages u* vizwali biex jara kif ħa jibqgħu jidhru l-bini taħt grade 1 minn angoli differenti wara li jitlesta il-proġett. L-Avukat Brincat xtaq li jkollu konferma fuq id-*designation* tal-area u apparti minn hekk emfasiżża li jsir l-EIA u jaraw hemm hi fonda l-ħamrija. Il-Perit qal li dan ikun parti mill-EIA jekk l-art hix fabbrikabbli blat, u kemm hu serju l-impatt tal-art mitlufa fuq il-proġett. L-istudju jsir indipendentament u mħallas mid-*Developer.* Il-Perit qal li hemm ħafna mir-*representations* ta' individwi. L-MTA għadhom ma daħlux kummenti imma huma wkoll irrappreżentati flimkien ma' TM u WSC.

L-Avukat Brincat saqsa jekk hemmx xi studji/rapporti oħra li jistgħu jikkonċentraw fuq il-Local Plan. Il-Perit qal li l-Local Plan huwa kollox u mbagħad hemm l-iskemi bħal f'Ta' Qali li hu kollu ODZ imma li hemm partijiet maqsumin eż biex tagħmel National Park, *Football Pitch*, badger

karting. Ironikament kompla jgħid li kollox hu hekk għax ma jimmaġinax dan l-Isports Complex massiċċ li ma jsirx f'ODZ la ħa tintuża' area vasta bħal din. Ma jimmaġinax eż dan il-proġett f'UCA għax l-ammont ta' traffiku li jiġġenera se jkisser l-UCA. Qal ukoll li eż ieħor simili hu li ma jistenniex permess ta' LIDL ġo UĊA. Il-Kunsill jista' jiddeċiedi kif ħa jsib bilanċ bejn *promoting sports at the stake of the pure environment*.

L-Avukat Brincat reġa' saqsa jekk hemmx rapporti oħra? Il-Perit għandu jiċċekkja filwaqt li ġab eż ieħor bl-iskejjel fejn dawn kollha qed isiru fl-ODZ fejn l-art qed tiġi sagrifikata għall-edukazzjoni. L-Avukat Brincat saqsa wkoll jekk is-sidien il-ġodda għamlux xi *projections* fuq l-*operational use*, it-*take up* tiegħu biex ma jsirx xi proġett ieħor bħal ma kien il-White Rocks u jsir White Elephant li mbagħad isir xi ħaġa oħra. Il-Perit qal li għandu raġun bħal ma ġara f'ċertu postijiet fejn ittieħdet art biex sar torri, lukanda li mbagħad sar residenzjali. Il-Perit Falzon qal li hu fl-interess tal-Kunsill li l-propjeta' tal-Kunsill ma jitnaqsilhiex mill-valur. U li f'dan l-istadju l-punt kummerċjali mhux jingħata importanza għalkemm jista' jkun hemm kundizzjoni li fil-futur ma jinbidilx l-użu. Anka għal fatt tal-iSports Hotel...lanqas il-PA ma tista' tinponi li persuna ma tagħmilx użu mill-faċilitajiet għax mħix atleta imma jkun Hotel għall-kulħadd.

Il-Perit Schembri saqsa x'inhuma d-dati? Ir-rappreżentazzjoni tal-Kunsill saret fis-17 ta' Marzu u għalqu fit-8 t'April. Il-Perit Schembri qal bħalissa ma jistax jiffurma l-opinjoni tiegħu għax m'hemmx biżżejjed informazzjoni. M'hemmx EIA, TIA id-*designation* tal-art u jekk hi intiża għall-isports għandu jkun sports. Hemm qbil li huwa massiċċ u jrid isir *downscaling*. Emfasiżża li għar-residenti ta'Ħ'Attard importanti li jibdieh u jispiċċah u ma jibqax sejjer ad eternum. Il-Perit Falzon qal li dak jidħol fl-EIA li jsir Construction Management Plan. Il-Perit Falzon qal li dan il-proġett jista' wkoll ikun ta' benefiċċju għall-Kunsill bħalha DPF fejn proġetti maġġuri bħal dawn jiġi negozjat li ssir triq bil-pave eżempju. Il-Perit Schembri qal li l-proġett irid isir f'fażijiet inkella jibqgħu ikarkru. L-Avukat Caruana saqsiet jekk jistgħux jiġu mposti penali jekk ma jitlestiex fil-ħin? IL-Perit Falzon wieġeb li llum anka proġetti żgħar il-BCA qed tgħafas fuq ħinijiet, *insurances etc u* fejn jimpatta jrid jirrikompensa. Jekk isiru l-ħsarat irid isewwi jew jagħmel triq mill-ġdid.

Il-Perit Schembri qal li rridu niġu kkonsultati. Il-Perit Falzon fehem xi jrid jgħid u qal li jekk qed jirreferi għas-*Central Link* konsultazzjoni kien hemm, forsi mhux biżżejjed vera. Qal li jemmen li mhux ħa jaqbżuna. Il-Perit Falzon qal li lanqas l-ERA jew SCH għadhom ma taw il-punti tagħhom. Il-Perit Falzon qal li ma jistgħux jieħdu deċiżjoni llum. Il-Kunsill għandu jisma' l-ewwel lill-kulħadd, jkollu f'idejh rapporti konkreti u mbagħad jieħu deċiżjoni.

Il-Perit Falzon qal li għalkemm hi ODZ mmarkata għall-isports jista' xorta joħroġ *refusal*, jew *downgrading.* L-Avukat Caruana saqsiet jekk hija ODZ imma mhix mmarkata għall-isports tista' tiġi rrifjutata? Il-Perit Falzon qal li le għax hemm possibilità, ibda mill-fatt li proġett bħal dan isir ġo ODZ.

Il-Perit Schembri talab li jkollhom in-North West Local Plans u jkollhom l-informazzjoni fuq l-art jekk hux *sports with a mixed use* u xorta *overdeveloped* u xorta jrid isir *re-design* tal-Master Plan u li jkun hemm membru tal-Kunsill fuq il-Bord. L-Avukat Caruana qalet li jridu jsiru l-punti minn qabel. Il-Perit Schembri ppropona li ssir sezzjoni ta' diskussjoni oħra bejniethom.

Is-Sur Cordina qal li kif miftiehem il-Perit Falzon għandu jġib l-informazzjoni mitluba u jerġgħu jiltaqgħu biex tittieħed deċiżjoni.

IS-Sur Victor Galea saqsa jekk il-proġett jaqax kollu taħt il-konfini ta' Ħ'Attard. Il-Perit Falzon qal li ssotlu jkun hemm diverġenzi bejn il-konfini tal-Kunsilli Lokali u l-konfini tal-Local Plans. Qal li f'dan il-każ ma tagħmilx differenza għax l-art hi xorta ODZ.

Is-Sur Victor Galea qal li forsi jekk imiss ma Rabat jew Mosta jkollhom iktar saħħa. Il-Perit Falzon qal li *Central Link* kien imiss ma' lokalitajiet oħra imma xorta m'oġġeżżjonawx. Issa għax m'oġġezzjonawx qed jaraw l-iżball li għamlu għax iddeffes LIDL fin-nofs biex jiġbed in-nies. Il-Perit għandu jiċċekkja. Is-Sur Cordina qal li jekk jidħlu Kunsilli oħra jaf jitolbu kumpens ukoll u Durumblat di fatti taqa' mal-Mosta. Il-Perit iċċekkja fil-Map Server u bħalha Ta'Qali hi Ħ'Attard.

Il-Perit Schembri beda jfittex flimkien mal-Perit Falzon fin-*NW Plans, Strategy Maps, Major Recreational Areas* u l-Perit Falzon qal li dak hu l-punt li ġo *recreational areas and entertainments* jagħtu permess għall-Sports Facilities.

Il-Perit Falzon qal li meta tkun ODZ immarkata *recreational area* awtomatikament tkun miftuħa għal kulħadd u tkun kompatibbli maż-żona ikun approvat imma *downgraded*. Il-Perit Falzon qal li għalih aħjar hemm 10 *tennis courts* u hotel iżgħar għax hemmhekk vera jkun qed jiġi rreklamat l-isports. Il-Perit Schembri qal li fl-iStrategy Map hemm miktub *to promote national and regional recreational centres for formal and informal recreation, to provide open spaces for residents in urban areas within walking distance, to provide sport facilities in larger urban area.* Jiġifieri l-Perit Falzon qal li din tissodisfa kollox.

L-Avukat Caruana qalet li dawn huma l-policies li japplikaw il-Malta Tourism Authorities f'dan il-mument. IL-Perit Falzon qal li propjament l-MTA hija *consultee* bħal ERA u l-Kunsill u l-PA jiddeċiedu kollox.

Il-Perit Falzon reġa' tenna li din hi ODZ *for recreational area*. L-Avukat Caruana ma fehmietx il-kunċett tal-privatezza minħabba li fehmet li jekk ODZ tkun privata trid tintuża' għall-*recreational area.* Il-Perit qal li mhux hekk ODZ privata jew mhix jekk tiġi żviluppata l-ikbar problema ħa tkun jekk hix fabbrikabbli għax jekk hi hija problema. Jekk fil-pjanti immarkata ħadra tkun ODZ *recreational*. Hemm żoni oħra fil-pjan lokali li huma ODZ *agricultural use* privata jew le.

*Recreational areas* normalment ikun hemm element ta' sports imma tista' ssir talba li parti minn dak il-*landscaping ikun for public use,* xi ġnien pubbliku jew post fejn jilgħabu tfal minn Ħ'Attard li tkun 15 il-minuta l'bogħod. Tista' ssir eżempju *jogging track* b'*soft landscaping.* Id-dettalji jarawhom wara.

Hemm qbil li l-Perit ħa jiġbor l-informazzjoni u jerġgħu jiltaqgħu. L-Avukat Brincat qal li l-importanti hu li l-Perit jagħmililhom ċara x'jista' jiġi nkluż f'*recreational* u mill-liema Local Plans. Il-Perit Schembri saqsa biex il-Perit Falzon jara wkoll x'materjali qed juża imma l-Perit Falzon qallu li għalissa kollox *undefined*, m'hemmx dettalji.

Is-Sur Cordina kkonkluda u rringrazzja lill-Perit Falzon.

## 44.3 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

44.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-5.22pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' April 2022 fis-5.30pm.

Konfermati, illum 25 ta' Mejju 2022.

IFFIRMATA
Stefan Cordina
Sindku

IFFIRMATA
Marica Mifsud
Segretarju Eżekuttiv